MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 363/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Rapinett**
***... omissis ...***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Marco Rapinett, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 127488M u *omissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' Ġunju 2012 għall-ħabta tal-4.00 p.m. mix-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan:

(1) ikkomettew serq ta' *handbag* li jiswa €50, illi fih kien hemm *mobile phone* tal-marka Nokia li jiswa €100, kamera diġitali ta' l-għamla Nikon li tiswa €120, nuċċali tal-vista tal-marka Versus li jiswa €70, nuċċali tax-xemx tal-marka Polar li jiswa €60 u €42 fi flus kontanti liema serq hu aggravat bil-valur (aktar

minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37) għad-dannu ta’ Angela Bertaboni;

(2) irrendew ruħhom reċidivi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

lil **Marco Rapinett**, waħdu:

talli kiser sentenza sospiża mogħtija fl-1 ta’ Mejju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza għadha fiż-żmien operattiv;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-23 ta’ Gunju 2012 fejn, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmijin Marco Rapinett u *omissis* ħatja ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lil kull wieħed minnhom għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Fil-konfront ta’ **Marco Rapinett**, rat is-sentenza tal-1 ta’ Mejju, 2012 fejn ġie ikkundannat għal piena ta’ sentejn priġunerija, liema sentenza ġiet sospiża għal perijodu ta’ erba’ snin u, wara li rat l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li tali perijodu ta’ erba’ snin jerġa’ jibda jiddekorri minn dakinhar stess tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Ġenerali, ppreżentat fit-13 ta’ Lulju 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn Marco Rapinett u *omissis* instabu ħatja ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom inkluz ir-reċidiva fejn ingħataw piena karċerarja effettiva ta’ sitt xhur kull wieħed, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ttrattat ma’ l-appellat Marco Rapinett rigward il-ksur tas-sentenza sospiża fejn applikat l-artikolu 28(B)(2)(a) u ordnat illi l-perijodu sospiż ta’ erba’ snin jerġa’ jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u minflok, tipprosegwi billi tordna r-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża ta’ sentejn maħruġa fil-konfront ta’ Marco Rapinett u dan kollu ai termini u fil-parametri tal-Liġijiet ta’ Malta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi in vista tal-piena applikata minnha fil-konfront tal-appellat Marco Rapinett senjatament u partikolarment fid-dawl tal-applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali. L-Avukat Ġenerali jispjega l-aggravju tiegħu hekk:

"Illi preliminarjament qed jiġi sottomess għal kull buon fini li l-appell jikkonċerna biss is-sentenża mogħtija fir-rigward ta' Marco Rapinett senjatament il-mod kif l-ewwel Qorti ttrattat mal-ħati meta rriżulta li kien kiser sentenza sospiża permezz tar-reat ammess minnu f'dik l-istess proċedura. Is-sentenża u l-piena mogħtija fil-konfront ta' Marco Rapinett u *omissis* għall-kummissjoni tar-reat tas-serq *per se* mhijiex qed tiġi kkontestata mill-Avukat Ġenerali u dan peress li bl-applikazzjoni tar-reċidiva taħt l-artikolu 289, il-piena ta' sitt xhur huwa l-*minimum* assolut li l-Qorti setgħet tapplika fiċ-ċirkostanzi tal-każ. B'hekk din il-piena, qiegħda fil-parametri tal-liġi fir-rigward taż-żewġ imputati allavolja fil-*minimum* assolut.

"Illi fl-ewwel lok u skond il-liġi jekk persuna tingħata sentenża sospiża u reat ieħor jiġi kommess mill-ħati fiż-żmien il-perijodu operattiv kif impost mill-Qorti li tkun, is-sentenża sospiża tiġi attivata u b'hekk il-ħati jeħel kemm il-piena għar-reat il-ġdid kommess minnu kif ukoll il-piena sospiża mill-Qorti li tkun ordnat l-applikazzjoni tagħha.[1]

"Illi madankollu u permezz tal-artikolu 28B(2), hemm eċċezzjoni għal din ir-regola, liema eċċezzjoni pero` tapplika f'ċirkostanzi partikolari u liema applikazzjoni wkoll trid tiġi sostanzjata mill-Qorti li tkun qed tapplikaha. Din id-disposizzjoni tinqara kif ġej:

**"28B. (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti <u>għandha</u> tordna li s-sentenza sospiża <u>għandha</u> tibda isseħħ.**[2]

**"(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja <u>jew</u> jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat,[3] il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin –**

**(*a*) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew**

---

[1] Article 28A(1) ~ *Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I, qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat.* Ara wkoll l-artikolu 28B(1) debitament ikkwotat f'dan l-appell.

[2] Enfazi tal-appellant.

[3] Enfazi tal-appellant.

**(*b*) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil:**

**Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan.**[4]

"Illi minn analiżi akkurat ta din id-disposizzjoni, apparti l-konferma li fl-eventwalita` ta' ksur ta' sentenża sospiża għandha bħala regola tiġi applikata ir-riattivazzjoni tagħha, l-eċċezzjoni għal din ir-regola mijiex waħda awtomatika u allavolja diskrezzjonarja għall-Qorti, iridu japplikaw ċertu kriterji għaliha u dawn għandhom jiġu riflessi b'mod ċar u ampju fis-sentenza mogħtija.

"Illi skond id-disposizzjoni hemm żewġ xenarji meta' l-Qorti tista tapplika l-artikolu 28(B)(2) u ċioe (i) jekk ir-reat kommess ikun ta' natura involontarja jew (ii) f'kazjiet oħrajn fejn wara li l-Qorti tqis il-każ u ċ-ċirkostanzi kollha ikun jidrilha li ma jkunx ġust li tali riattivazzjoni sseħħ. Inoltre u f'dan ir-rigward din id-disposizzjoni hija ferm ċara, jekk il-Qorti tagħzel li bid-diskrezzjoni Tagħha tapplika xi waħda minn dawn il-kriterji, hi ***għandha*** tagħti u tiddikjara r-raġunijiet għaliex tkun għazlet li tagħmel hekk.

"Illi jekk allura nduru lejn il-każ odjern u naraw is-sentenża mogħtija mill-Qorti, jidher ċar li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li hawnhekk qegħdin nittrattaw reat ta' natura volontarja u mhux involontarja. Kwindi l-ewwel kriterju indubjament ma setax japplika fir-rigward ta' Marco Rapinett. Fir-rigward tat-tieni kriterju, jidher illi l-ewwel Qorti sempliċiment applikat din l-eċċezzjoni iżda f'ebda mod ma ssostanzjat jew tat ir-raġunijiet għalfejn għażlet li ma tirriattivax is-sentenza sospiża li kienet tinkombi fuq l-appellat Rapinett u kif kienet tenuta li tagħmel skond il-liġi konsiderando li Rapinett ammetta għal dan il-ksur li ġie kwindi ampjament ippruvat. Fil-fatt id-*deċide* tas-sentenza tal-ewwel Qorti sempliċiment iddikjarat is-segwenti:

"*'Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Fil-konfront ta' Marco Rapinett, rat is-sentenza tal-1 ta' Mejju, 2012 fejn ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija, liema sentenza ġiet sospiża għal perijodu ta' erba snin. Rat l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali perijodu ta' erba' snin jerġa jibda jidekorri mil-lum stess.'*

"Illi jiġi puntwalizzat illi lanqas biss ma saret xi ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni fir-rimanenti parti tas-sentenza li prattikament tikkonsisti f'nofs paġna u lanqas ma wieħed jista' jasal għal xi konkluzjoni dwar ir-raġuni għalfejn l-ewwel Qorti għażlet li tapplika din id-disposizzjoni anki jekk wieħed kellu jipprova jispezzetta l-kontenut tas-sentenza. Mill-banda l-oħra pero` rriżulta ċar li l-appellat Rapinett kiser sentenza sospiża fi żmien inqas minn xahrejn mill-imposizzjoni tagħha (1.5.2012) u skond din is-sentenza li ġiet esebita l-Qorti f'dawn il-proċeduri, hu kien instab ħati ta' reati

[4] Emfażi tal-appellant.

simili fost oħrajn. Wisq inqas allura ma kien ikun hemm l-ebda inġustizzja fir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża mill-ewwel Qorti, u jekk kien hemm, din baqgħet mistura.

"Illi kwindi fid-dawl tal-fatt li ma nġabu l-ebda raġunijiet mill-ewwel Qorti li ġġustifikaw l-applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(a) (li b'kull rispett u in ogni caso ġiet applikata erronjament ukoll) ifisser li raġunijiet għall-applikażżjoni ta' din l-eċċezzjoni ma kienx hemm u b'hekk l-unika ħaġa li setgħet tagħmel il-Qorti huwa li tordna r-riattivazzjoni tas-sentenza ta' sentejn priġunerija li kienet ġiet sospiża fil-konfront ta' Marco Rapinett."

**6.** Kif jirriżulta mill-artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti għandha l-fakolta` li tastjeni milli ġġib fis-seħħ sentenza sospiza (paragrafu (a)) jew li tibdel l-ordni oriġinali (paragrafu (b)) meta r-reat li jiġi kommess matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew, f'każ ta' reat ta' xort'oħra, il-Qorti ma jkunx jidhrilha li jkun ġust li s-sentenza sospiża tinġieb fis-seħħ. Fl-aħħar każ il-Qorti għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex ma tkunx ġabet fis-seħħ is-sentenza sospiża. Hawn, din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ordnat illi l-perijodu tas-sentenza sospiża jerga' jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata u ċċitat il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28B. Effettivament huwa l-paragrafu (b) li jagħti l-fakolta` lill-Qorti li tibdel il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża u mhux il-paragrafu (a).

**7.** Minn eżami tas-sentenza appellata huwa minnu illi l-ewwel Qorti ma qalitx speċifikatament illi kienet se tibdel l-ordni oriġinali "għas-segwenti raġunijiet". Iżda l-istess sentenza tikkontjeni mill-anqas żewġ raġunijiet: il-fatt illi l-oġġetti misruqa ġew ritornati (effettivament mill-atti jirriżulta illi l-imputati nqabdu mill-Pulizija meta kienu għadhom fl-inħawi mnejn sar is-serq in kwistjoni), u l-ammissjoni bikrija.

**8.** Peress illi l-kwistjoni prinċipali f'dan il-każ hi jekk jeżistux raġunijiet suffiċjenti biex l-appellat jista' jibbenefika minn dak li jipprovdi l-artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report* sabiex tevalwa anke ċ-ċirkostanzi personali u soċjali ta' l-appellat.

**9.** Irriżulta li l-appellat għandu problema ta' abbuż ta' droga li qatt ma rnexxielu jindirizza bis-serjeta` minħabba nuqqas ta' motivazzjoni u anke għax saħansitra membri tal-familja tiegħu għandhom l-istess problema. Iżda fl-aħħar appuntament li l-appellat kellu ma' l-uffiċjal tal-*probation* li kkompila r-rapport, huwa wera x-xewqa li jfittex l-għajnuna. Wara li ġie riferut mill-istess uffiċjal tal-*probation*, għamel kuntatt ma' l-Aġenzija SEDQA. Fir-rapport saret rakkomandazzjoni li flimkien ma' sentenza sospiża ssir Ordni ta' Superviżjoni u tiġi nkluża kondizzjoni li l-appellat jindirizza l-problema tad-droga permezz ta'

programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament ieħor fi ħdan waħda mill-aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga. Peress illi hawn si tratta ta' reat li sar tul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat fl-1 ta' Mejju 2012 u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ma tistax issa tapplika l-artikolu 28G.

**9.** Din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi li fihom seħħ is-serq in kwistjoni, u cioe` li ma kienx hu li fiżikament wettaq is-serq; il-fatt li r-refurtiva ġiet minnufih rekuperata; l-ammissjoni bikrija; il-fatt li l-appellat jidher li jixtieq jeħles mill-problema tad-droga; u l-fatt li dwar ir-reat li wassal għall-proċeduri odjerni huwa diġa` skonta l-piena ta' sitt xhur priġunerija, hi tal-fehma illi l-appellat jista' jingħata l-aħħar opportunita` sabiex jirrijabilita ruħu.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata. Tinsisti ma' l-appellat li għandu jieħu din l-opportunita` li qed ittieh il-Qorti bis-serjeta` u jagħmel l-almu tiegħu biex jinserixxi ruħu fil-proċess ta' rijabilitazzjoni. Fin-nuqqas ikollu eventwalment jiffaċċja r-riguri kollha tal-liġi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------